


# XIEDHA FUQ SAN PIJU MINN PIETRALCINA.

*Itlob lil San Piju minn Pietralcina biex jintercedi ghalik u jxerred il-barka ta' Alla fuqek.*

## Werrej

IL-PROBLEMA TAX-XORB ........................................ 3
ITTRA LIL PADRE PIO ........................................ 4
IMFEJJAQ F'HOLMA ........................................ 6
KONSOLAZZJONI BIS-SAHHA TA' L-INTERCESSJONI TA' PADRE PIO ........................................ 7
FEJQAN MINN KANCER ........................................ 8
ANSJETA' MENTALI ........................................ 9
FR. JOHN GAB L-INGWANTA TA' PADRE PIO FL-ISPTAR TAT-TFAL. ........................................ 10
ID-DEPRESSJONI ........................................ 11
OMM IR-RAGEL FIEQET ........................................ 13
FEJQAN MINN KANCER TERMINALI ........................................ 14

## IL-PROBLEMA TAX-XORB



Lejla wahda fit-tard, waqt li kont qed nirritorna lejn dari mix-xoghol, bdejt nitlob ir-Ruzarju biex neghleb il-problema tax-xorb li kull ma tmur kienet qed tiggrava.

Ma kontx ili li zzewwigt, u kelli tarbija tifel. Fhimt li jekk ma nrazzanx il-problema l-futur tieghi kien ser ikun disastru.

Kont determinat li nirbaha u fid-dwejjaq li hakmuni dort lejn Padre Pio ghal ghajnuna kif kont qed nitlob bir-Ruzarju. F'daqqa wahda madwari kien hemm riha tant tfuh li ma stajtx niddeskriviha. Fija nisslet sens ta' paci. F'daqqa wahda wkoll din ir-riha tfuh ghebet minn madwari.

Ma domtx ma wasalt id-dar u kif kont imdorri l-ewwel haga li ghamilt, mort tajt titwila lil ibni tarbija rieqed. Kif dahlt f'kamartu dik l-istess riha regghet giet lura u mbaghad ghebet.

Ftakart li kont tlabt lil Padre Pio biex jghini neghleb il-problema tax-xorb. Nistqarr maghkom li minn dik il-lejla tal-fwieha sal-lum, nissilt fija stmerrija lejn ix-xorb u ghal aktar minn ghoxrin sena shah ma missejtx aktar xorb ma' halqi. Wara din l-esperjenza tghallimt li Padre Pio bosta drabi juza l-irwejjah ifuhu bhala sinjal li t-talb taghna jinstema'.

-Isem Mizmum

## ITTRA LIL PADRE PIO



Kelli habib tal-qalb, jismu Timothy. Kien habib tieghi sa minn mindu konna zghar. Timothy ma kellux fejn joqghod ghal hames snin wara li kien iggieled mal-vizzju tad-droga u d-depressjoni. Ma kellux familja u fejn kien jghix hadd minna hbiebu ta' tfulitu ma kien jaf, anqas jiena. Kelli c-cans li nibghat ittra talba ma' habib tieghi li kien ser izur il-qabar ta' Padre Pio gewwa San Giovanni Rotondo. Minn miljuni ta' nies bla dar, Timothy gie maghzul biex ikun mghejjun b'mod specjali minn organizzazzjoni li tahdem biex tirrabilita dawk li waqghu fil-vizzju u li qeghdin fi bzonn kbir.

Gabru hafna flus ghalih u baghtuh f'centru ta' riabilitazzjoni u waslu wkoll li jsibu membri ohra tal-familja tieghu li huwa qatt ma kien jaf. Il-familjari tieghu haduh taht il-protezzjoni taghhom u issa huwa qed jghix fil-qrib taghhom, ghandu xoghol u anke apartament fejn joqghod. Kuntent hafna bil-hajja li qed jghix.

Ic-cans li dan kollu jsehh u li jiena nsibu, qatt ma kont nohlom bih. U ta' dan il-gid kollu li sar ma' Timothy jiena nrodd hajr lil Missier u lil Iben u lil Ispirtu Santu bl-intercessjoni ta' Padre Pio.

*-Jim Stewart*



## IMFEJJAQ F'HOLMA

Kont ilni nbati ghal 10 snin shah u f'Dicembru 1983 bdejt novena lil Padre Pio. Fi Frar il-kundizzjoni tieghi marret ghal l-aghar.

L-ghekiesi ta' saqajja ntefhu u l-ugigh kien tali li ma stajtx nistaportih.

Fl-10 ta' Frar fiqt f'holma. Rajt lili nnifsi gewwa kappella u Padre Pio sejjahli. Qalli biex noqghod bil-qieghda u messli l-ghekiesi minfuhin. Missli mbaghad dahri u qalli biex inqum u nimxi. "Inti imfejjaq." Qomt immedjatament mis-sodda u mxejt bla ebda tbatija. Dak in-nhar mort il-quddies u rringrazzjajt lill-Mulej. L-ugigh rega' gie lura, imma ghall-mument ghaliex malajr hassejt bhal id shuna tmissli darhi u l-ugigh hallieni. U minn dak il-mument 'l quddiem qatt ma hassejt dak l-ugigh aktar.

- *George William Collins*

## KONSOLAZZJONI BIS-SAHHA TA' L-INTERCESSJONI TA' PADRE PIO



Tlift lil ibni s-sena li ghaddiet f'cirkustanzi tragici. Kont inkwetat hafna jekk ibni kienx ghal qalbu fid-dar il-gdida, fl-ghamara ta' dejjem. Tlabt lil Padre Pio bil-qalb u b'devozzjoni biex jaghtini sinjal.

Lejla wahda  rajt lil ibni f'holma u qalli li Alla kien tassew gust mieghu u li kien aktar ferhan milli kien hawn fuq l-art. Inhoss li dan il-messagg huwa aktar minn holma.

- *M. Feeney*

## FEJQAN MINN KANCER



Konna mitluba li naghmlu novena ta' talb lil Padre Pio ghall-bzonijiet ta' zaghzugh ta' 13 il-sena li kien qed ibati minn kancer.

It-tfajjel, Michael Andrews kellu tumur kbir daqs ballun tal-baseball.

Lejla wahda ommu semghitu jghajjat u jixgher bl-ugigh. Dahlet tigri f'kamartu, imma sabitu rieqed fil-fond. Baqghet skantata. Xi hadd illuminaha biex thares wara kwadru ta' Padre Pio li kien imdendel f'kamartu. L-irqajja bojod ta' l-istampa kienu kollha jiddu fid-dlam. Biex tizgura ruhha li dak ma kienx xi effett kawzat minn xi dawl li kien diehel, ghalqet il-bibien. Imma l-istampa qaddisa baqghet xorta tiddi. Hija mexxiet subghajha fuq dawk l-irqajjaq li kienu jiddu. Wara ftit kollox gie ghalli kien u waqa' mill-gdid id-dlam. L-ghada Michael sab li t-tumur kien gheb ghal kollox. It-tabib ta' l-isptar ma seta' isib xejn.

*-M. Shaw*

## ANSJETA' MENTALI

Irrid naqsam maghkom grazzja li rcevejt minghand Padre Pio. F'Ottubru tas-sena 1987 kont ghaddej minn dipressjoni qawwija hekk li wasalt li jkolli breakdown.



Minhabba f'dan l-istat mentali tieghi, hsibijieti kienu ta' theddida ghalija u hafna u hafna bezzghuni.

F'dan il-mument mudlam, ommi introducietni ma' Padre Pio u ghamlitli kuragg li hu jista' jghinni. Minn dak il-jum 'l quddiem poggejt it-tama tieghi f'idejn dan il-patri qaddis u tlabtu li jfejjaqni minn dan l-istat ta' genn.

Lejla wahda qomt f'daqqa u lmaht figura ta' patri bil-baffi liebes coqqa kannella. L-ghada irrakontajt lil ommi din l-esperjenza. Qalti li dak kien Padre Pio li kien qed jindokrani. Minn dik il-lejla bdejt inhossni ahjar. Illum inhossni tajjeb hafna u nistqarr li jiena segwaci dedikat ta' Padre Pio.

*-Pasquale Presta*

## FR. JOHN GAB L-INGWANTA TA' PADRE PIO FL-ISPTAR TAT-TFAL.

Binti Elizabeth ta' 8 snin kienet certifikata li tbati bil-marda ta' Hodgkins, tip ta' kancer.  Ghal gimghat shah hija kienet pazjenta fl-isptar "Our Lady' s Children Hospital."



Kont inzurha kuljum, matul il-break ta' nofsinhar u anke meta ntemm ix-xoghol, qabel nirtira d-dar. Il-marda effetwatilha grizmejha u anqas ma setghet titkellem. Jum wiehed soru, li kienet kap infermiera, talbitni biex tkellimni fil-privat. Qaltli li ma rieditx li marti tisma' il-konversazzjoni ta' bejnitna billi ndunat li marti kienet tidher persuna li temozzjona ruhha hafna. Qaltli li Elizabeth ma kienitx ser iddum hajja. Wara din l-ahbar jiena mort il-kunvent tal-Kappuccini St Mary of the Angels gewwa Dublin.

Wiehed mill-patrijiet, Fr. John kellu ngwanta ta' Padre Pio Tlabtu biex izur lil binti u jberikha biha. Jiena kont devot ta' Padre Pio ghal hafna snin. Jiena attendejt il-Quddiesa ghal kwazi 50 sena, sa minn meta zzewwigt, sa mis-sena 1960.

Fr. John ghamel kif ghidtlu u mhux bierek biss lil binti, izda lil dawk it-tfal li kienu hemm. Ma ghaddhiex hafna zmien wara din il-grajja, kont qed niekol gewwa restorant tal-Fish and Chips f' Kimmage Road, gewwa Dublin.

F'daqqa wahda madwari intela b'riha tfuh ta' ward. Mill-ewwel indunajt li kien Padre Pio. Minn mohhi ghaddhieli li hemm kien post stramb biex juri l-presenza tieghu. Xi jiem wara kellimt li kap infermiera. Qaltli li kellha ahbar tajba ghalija. It-testijiet kollha li saru fuq Elizabeth kien kollha normali.

Binti giet ghan-normal fi zmien qasir u kompletament u setghet mill-gdid terga' titkellem. Meta kibret kienet tkanta professjonalment madwar l-Ewropa. Jiena nemmen li bis-sahha ta' l-intercessjoni ta' Padre Pio binti fieqet

*- Michael Gormley*

## ID-DEPRESSJONI



Jiena ghamilt novena lil Padre Pio xi erbat gimghat ilu ghall-bzonnijiet ta' hija. Ghal dawn l-ahhar seba' snin kien dejjem id-dar, qatt ma hareg, minhabba li kien depress hafna.

Kien fuq il-medicina u kien jara psikjatra regolari. Minflok, pero, kien sejjer 'l quddiem beda' sejjer lura. Billi qata' kull hrug ahna bdejna ninkwetaw. Kien ghad kellu 34 sena u ma kienitix hajja sabiha li jghix ta' prugunier gewwa daru u fuq kollox kien dependent fuq il-genituri tieghi li kienu anzjani, Ghamilt novena kif qaluli. Gurnata wahda wara n-novena (ommi ma kienitx taf li jiena ghamilt din in-novena) ommi qaltli li hija ghamel passigata wahdu u wara xi granet mar ma' ommi rikba fil-karozza.

Din kienet qabza kbira 'l quddiem. It-tabib tieghu kien impressjonat hafna u nehhielhu l-medicina. Issa qed johrog wahdu u anke jsuq u nteressat li jsib xoghol. Dan hu tassew miraklu.

*- Isem ta' min jirrakonta mizmun.*

## OMM IR-RAGEL FIEQET



Jiena noqghod gewwa Cebu fil-Filippini. Jum wiehed meta ghaddejt minn quddiem il-Katidral ta' Cebu nnutajt folla kbira ta' nies qieghda hemm ghall-quddies. Dhalt gewwa u ilmaht stampa ta' Padre Pio mqieghda fuq l-altar imdawwar bi fjuri sbieh.

Staqsejt x'kienet l-okazzjoni u hadt twegiba li kienet quddiesa f'gieh Padre Pio ghaliex kien ser jigi kanonizat qaddis. Qaghdt ghall-quddiesa u minn dak inhar sirt devot ta' Padre Pio. Nitolbu kuljum. Marti u jiena nhossu l-barka tieghu f'hajjitna.

F'Ottubru 2004 omm ir-ragel Josefina DeLira (Mama Fe) marret l-isptar "Perpetual Succor Hospital" gewwa Cebu. Irrizulta li kellha l-gebla fil-fwied u kien jehtieg ta' operazzjoni biex jitnehhew. Meta marti u jiena morna l-isptar hadna maghna ikona zghira ta' Padre Pio u ghamilnilha kuragg biex ma tinkwetax billi kienet qed tibza' hafna.

Il-verita' kienet li ahna konna nkwetati fuq il-kundizzjoni taghha u anke ghaliex ma kellniex flus biex inhallsu l-operazzjoni jew spejjes ohra medikali. Mamma Fe ma kelliex insurance. Ma ridnihiex li tkun taf il-bezghat

taghna u biex inserrhulha mohha ghidnilha li ser niehdu hsieb ahna ghal kollox ghalkemm ma konniex nafu kif. Ghidnilha biex ma tinkwetax u tafda fl-intercessjoni ta' Padre Pio.

L-ghada filghodu Mamma Fe soffriet ugigh kbir fl-istonku, hekk kbir li anqas sahha ma kellha biex tghajjat infermiera biex tassistiha. Qabdet ix-xbiha ta' Padre Pio u filwaqt li talbitu, poggietha fuq fejn kienet qed thoss l-ugigh. Imbaghad dahlet f'nghasa kbira. Gie t-tabib biex jaghmillha ezami u b'sorpriza kbira sab li l-gebel kien gheb. Ma setghax jemmen. Ma kienx hemm bzonn ta' operazzjoni u Mamma Fe intbaghtet lura lejn id-dar. Ninsab certa li dan sar bl-intercessjoni ta' Padre Pio. Grazzi Padre Pio ghal kollox.

.

*- Celestino Petallar*

# FEJQAN MINN KANCER TERMINALI



Luigi Antonelli, kittieb tad-drammi mar jaghmel vizta ghand it-tabib u sab li kellu kancer bejn widnejh u spalltu. It-tobba qalulhu li bl-operazzjoni jkun jista' jghix ghal sitt xhur, imma minghajrha jghix biss ghal tlett xhur. Kien ser jaccetta li jaghmel l-operazzjoni li kieku ma kienx ghal habib tieghu li hajru jmur sa San Giovanni Rotondo u jara lil Padre Pio. Luigi accetta u sema' l-Quddiesa ta' Padre Pio u wara mar iqerr.

X'gara waqt il-qrar? Antonelli sabha bi tqila biex jistqarr htijietu ma' Padre Pio, ghalkemm kien bniedem li kellu l-mod kif jesprimi ruhu. Waqt il-qrar kellu tahdita twila ma' Padre Pio u aktar ma dam jitkellem mal-patri aktar kien jhoss li l-istat ta' ruhu jimbidel. Fl-istess hin beda' jhoss bhal kurrent jigri ma' gismu, li qeridlu il-kancer. Meta qam minn gharkubtejh huwa hassu mfejjaq. Iva hassu mfejja kemm fir-ruh kif ukoll fil-gisem. Rega' kompla l-hajja tieghu normali minghajr qatt ma hass l-icken sintomi tal-kancer.


SAN PIJU MINN PIETRALCINA,
ITLOB GHALINA